MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

## MAGISTRAT DR.
## SCERRI HERRERA CONSUELO-PILAR LL.D.

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2002

Numru 797/2002

**Artikoli 264(2) u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija**
**Spettur Raymond D'Anastas**
**v**

**MARIO GRECH**

**Seduta ta' llum, 2 ta' Dicembru, 2002.**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **MARIO GRECH** ta' tmienja w erbghin sena bin Felice u Mikelina nee Degabriele, imwieled Marsaxlokk nhar l-ghoxrint a' Jannar, 1954 u joqghod 'St. Valentine', Triq l-Arznella, Marsaxlokk, detentur tal-karta tal-identita numru 113654M1, gie imressaq quddiemha akkuzat talli fl-erbgha ta' Marzu, 1998 u/jew matul s-snin/xhur precedenti bhala proprjetarju

u/jew amministratur tal-fond 'Crown & Thistle Pub', sitwat Triq San Simon, San Pawl il-Bahar, b'diversi azzjonijiet maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti, bi ksur l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, kisser l-gumni tas-servizz elettriku u cioe tal-meter tad-dawl installat fl-imsemmi fond u b'mezzi qarrieqa sabiex jkollu l-uzu jew konsum elettriku jew li bihom setgha jwaqqaf jew jbiddel il-kejl jew markar fl-istess meter tal-kwantita mehuda jew kkunsmata, kkommetta serq ta' kurrent elettriku li jammonta ghal hamsa w erbghin lira maltin tnejn u tmenin cetezmu u hames millezmi, liema serq huwa serq huwa aggravat bil-mezz, hin u ammont u dan ghad-dannu tal-Korporazzjoni EneMalta.

Barra minn dan huwa gie akkuzat tallli matul l-istess perjodu kkaguna hsara voluntarja fl-istess meter.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli taghti l-piena stabbilita mill-ligi, f'kaz ta' htija, tapplika l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat sebgha w ghoxrin ta' Settembru, 2002 esibit f'dawn l-atti a fol 7 markat bhala dokument CSH 2 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trttat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-ezami li sar a fol 11 tal-process fis-seduta tat-tnejn ta' Dicembru, 2002.

Semghet l-ammisjoni tal-imputat fis-seduta tat-tnejn ta' Dicembru, 2002 u ghalhekk fuq tali ammissjoni il-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Semghet lil imputat jiddikjara li huwa hallas l-ammont pretiz mill-Korporazzjoni Enemalta skond kif jirrizulta mir-ricevuta datata sittax ta' April, 2002, esibita fl-atti minnu markat bhala dokument JAH.

**Il-Qorti** rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 264(2) u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u **tiddikjara li ssib lil imputat MARIO GRECH hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu u tiddecidi li tilliberah ghal perjodu ta' sena mill-lum bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ai termini tal-artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Dwar it-talba sabiex il-Qorti tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes tal-espert mahtur ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti tissoleva li dawn l-ispejjes gew inkorsi fl-inkjesta u mhux f'dawn il-proceduri u ghalhekk il-Qorti qed tichad tali talba u dan in linea mas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sittax ta' Jannar, 1999 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v Trevor Spiteri.

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**